## PENTEKOSTE…FTIT STORJA

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, il-ħamsin jum ta' wara l-Għid il-Kbir kienu meqjusa bħala "festa waħda". Biż-żmien iżda, bdew jitqiesu bħala żmien ta' ferħ kbir bi tliet festi kbar matulhom: l-Għid il-Kbir, l-Axxensjoni tal-Mulej u Għid il-Ħamsin.

Biż-żmien, l-aħħar jum tal-ħamsin ma damx ma ħa importanza speċjali. Fir-raba' seklu dan il-jum ingħatalu Vġili bħal dak tal-Għid biex fih issir iċ-celebrazzjoni tal-Magħmudija għal min ma setax jirċeviha fil-lejl tal-Għid, minħabba mard jew raġunijiet oħra. Ma ninsewx li l-Magħmudija kienet tingħata lill-adulti u biss, fil-Vġili tal-Għid il-Kbir.

### Festa għaliha

Għall-ħabta tas-sitt seklu, f'Ruma, il-festa ta' Għid il-Ħamisn kienet meqjusa bħala festa għaliha, u hekk kif kellha l-Vġili bħall-festa tal-Għid il-Kbir, żditilha wkoll Ottava bħal dik tal-Għid, biex matulha jingħata ġieħ lis-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu. L-Ottava żdiedet meta l-ħamisn jum tal-Għid, li ma baqgħux aktar meqjusa bħala festa waħda, imma kif għedna, biss bħala żmien ta' ferħ kbir.

Illum, il-Knisja reġgħet għall-fehma tal-ewwel żminijiet u tqis il-ħamsin jum bħala "festa waħda" tal-Għid il-Kbir. Dan narawh mill-fatt li llum ma nitkellmux mill-"Ħdud ta' wara l-Għid", iżda "mill-Ħdud tal-Għid". Dan hu żmien liturġiku sabiħ u għandhom jintużw innijiet li jesprimu l-ferħ tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu. Ħafna minn dawn l-innijiet kollha jispiċċaw bl-Hallelujah li tesprimi dan il-ferħ tal-komunita'.

### Il-Vġili fi żmienna

Bit-tigdid Liturġiku ta' żmienna, daħlet fehma ġdida tal-Vġili. Kull solennita' tibda minn lejlietha bl-Ewwel Għasar u s-solennitajiet il-kbar għandhom ukoll il-quddiesa tal-Vġili. Il-Vgili tal-Għid il-Kbir hi vġili b'ċelebrazzjoniet speċjali għax hi l-aqwa u l-eqdem fost il-vġejjel kollha. Mela l-vġejjel kollha huma dawn: tal-Għid il-Kbir, tal-Milied, ta' Għid il-Ħamsin, it-Twelid ta' San Ġwann il-Battista, ta' San Pietru u San Pawl u ta' Santa Marija.

Qabel it-tiġdid li sar fl-ordni tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-ħamsinijiet minn Piju XII, il-Vġili ta' Għid il-Ħamsin kienet tixbah lil dik tal-Għid il-Kbir b'sitt lezzjonijiet. Ir-rit tal-Magħmudija fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin tneħħa għal kollox. Fil-Missal ta' Pawlu VI għall-Vġili ta' Pentekoste, iżda, insibu erba' lezzjonijiet mit-

Testment il-Qadim barra mill-ittra ta' San Pawl lir-Rumani, mhux biex jinqarw kollha, iżda biex tintagħżel waħda minnhom.

Fil-quddiesa tal-jum ta' Pentekoste tinghad is-Sekwenza bħal fl-Għid il-Kbir. Il-"Veni Sancte Spiritus" hu innu mexxej li bi kliem mill-aktar sempliċi juri x'inhi l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fi qlub l-insara.

**Għeluq Żmien il-Għid**

Bis-solennita' ta' Għid il-Ħamsin jagħlaq żmien il-Għid, u jerġa' jibda ż-żmien ta' matul is-sena. Iżda billi għal mijiet ta' snin il-festa ta' Għid il-Ħamsin kellha l-Ottava, u l-ewwel jumejn tal-Ottava, bħal dawk tal-Għid il-Kbir kellhom marbutin magħhom ċelebrazzjoniet popolari, għalhekk fejn in-nies imdorrija jqaddsu dawn il-jumejn bis-smigħ tal-quddies (bħal f'ċerti pajjiżi Ewropej), fihom tista' titqaddes il-quddiesa ta' Għid il-Ħamsin jew dik votiva tal-Ispirtu s-Santu.

L-Ottava ta' Għid il-Ħamsin, kienet fil-qofol tagħha ċelebrazzjoni tal-missjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja, iżda llum it-temi tal-quddies tal-Ottava nsibuhom fil-quddies tal-ġranet wara l-Axxensjoni tal-Mulej. B'dan il-mod, id-devozzjoni popolari tan-Novena tal-Ispirtu s-Santu li kien riedha l-Papa Ljun XIII fl-1897, l-istess bħan-novena tal-Milied, ħadet aspett Liturġiku.

Nhar Pentekoste, wara l-aħħar quddiesa tista' ssir iċ-ċerimonja tat-Tifi tal-Blandun. Dan imbagħad jintrefa' f'post xieraq u jerġa' joħroġ fil-magħmudijiet u l-funerali – id-dawl ta' Kristu Rxoxt jakkulpanjana mit-twelid sal-mewt tagħna.

Fil-Missal ta' Piju V tal-1570, kien hemm preskritt li l-Blandun jintefa' wara l-quddiesa solenni tal-festa tal-Axxensjoni tal-Mulej fis-sema. Illum dan isir nhar Pentekoste.

(Adattament mnn "Żmien il-Għid", mill-ktieb "Il-Jiem tal-Laqgħa tal-Ġemgħa" ta' Mons. Ġużeppi Lupi, 1985)